MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2009

Numru 516/2009

**Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Leslie Schembri**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Leslie Schembri, bin Frank u Dorothy nee' Diacono, imwieled Pieta' fil-25 ta' Frar 1981, residenti 59, 'Doreen' Flat 2, Triq A. Cuschieri, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita' numru 116681(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar it-8 ta' Mejju 2009 f'xi hin wara nofs inhar, gewwa l-Hamrun,

1. Xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudha b’qerq jew akkwistati b’reat u cioe’ mobile phone tal-marka Nokia, ta’ valur ta’ iktar minn EUR 232.94 izda inqas minn EUR 2329.37.
Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta’ Novembru 2009 (esebit a fol. 11 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-16 ta’ Novembru 2009 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tas-16 ta’ Novembru, 2009 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat ghandu fedina penali netta, l-fatt li rregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri, l-fatt li huwa kkopera bis-shih fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet u l-fatt li r-res furtiva giet ritornata lura.
Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, kif minnu ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena(1) millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------